MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru 136/2013

Il-Pulizija
(Spettur Anna Marie Micallef)

vs

Tchokondi Ngatcheu Arnaud Romuald

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat detentur ta’ passaport tal-Cameroon numru 01245939 u permess ta’ residenza Spanjola numru E1 4401564, akkuzat talli fil-11 ta’ Frar 2013 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’Malta, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (delitt ta’ Frodi ai termini tal-Artikli 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) f’Malta.

Semghet lill-imputat tramite l-interpretu jammetti l-akkuza, fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u nkondizjonata. Ghalkemm il-frodi per se ma tidhirx li giet attwata, l-atti preparatorji kienu saru. Fil-kaz odjern l-qligh li kien mahsub jigi percepit kien ta' €5,000. Dwar l-assocjazzjoni dan hu reat 'a se stante'. Rat l-Artiklu 48A, 308, 310(a) tal-Kap 9.

Tiddikjara l-imputat hati. Tikkundannah sentejn prigunerija izda li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal erba' snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor f'dan il-perjodu operattiv. Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------